

Brussell, 1 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

10688/19

SOC 521  
EMPL 402  
ECOFIN 674  
EDUC 332

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Valutazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) għall-2019 u l-implimentazzjoni tas-CSRs għall-2018 = Approvazzjoni tal-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS)

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin l-opinjonijiet imsemmija hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) tat-8 ta' Lulju 2019.

**L-Opinjoni Orizzontali tal-2019 dwar is-Semestru**

Skont il-mandat mill-Kunsill, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) eżaminaw l-implimentazzjoni tal-aspetti soċjali u tas-suq tax-xogħol tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018. F'Ġunju 2019 l-EMCO u l-KPS ippreżentaw lill-Kunsill nota orizzontali b'riflessjonijiet dwar il-proposti tas-CSR għall-2019 mill-Kummissjoni Ewropea; xi messaġġi ewlenin mis-Sorveljanza Multilaterali tal-Kumitati tar-riformi dwar l-impjiegi u l-politika soċjali tal-Istati Membri; u valutazzjoni dwar il-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020. Din in-nota tikkomplementa l-kontribut preċedenti b'riflessjonijiet dwar l-aspetti ta' governanza tas-Semestru Ewropew (taqsima 1), il-fehma tas-Sħab Soċjali u l-NGOs soċjali (taqsima 2) u l-messaġġi tematiċi li ġejjin mir-rieżamijiet tas-sorveljanza multilaterali (taqsima 3) għaż-żewġ kumitati.<sup>1</sup>

**Taqsimha 1: Il-proċess tas-CSR fil-kontest tas-Semestru Ewropew**

Is-Semestru Ewropew huwa għodda siewja għall-koordinazzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri. Huwa jivvaluta u jappoġġa r-riformi tal-Istati Membri, kif ukoll il-kompożizzjoni u l-kwalità tat-taħlita ta' politiki aktar ġenerali tagħhom. Il-pakkett tas-CSR tal-2019, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju, qed jibni fuq snin preċedenti u huwa rikonoxxut mill-Kumitati bħala bilanċjat sew b'dimensjoni soċjali b'saħħitha. Filwaqt li dan huwa milquh mill-Kumitati, xi Stati Membri appellaw għal riflessjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tas-Semestru f'termini ta' oqsma ta' politika, b'mod li jenfasizza l-fehma tagħhom li fi snin reċenti il-fokus tkabbar b'mod sinifikanti. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jidher b'mod prominenti u l-prinċipji tiegħu huma riflessi sew ukoll fil-pakkett, li huwa milquh ukoll. Xi Stati Membri appellaw għal integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-prinċipji tal-Pilastru fis-CSRs u valutazzjoni kontinwa tal-prinċipji kollha tal-Pilastru għet identifikata bħala mod siewi għal ħidma ulterjuri.

---

<sup>1</sup> Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ser jiġu ppreżentati bħala anness.

Din is-sena rat żieda fl-għadd totali ta' CSRs, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, b'mod partikolari li tirrifletti ż-żieda ta' CSRs speċifiċi għall-investment u l-ilqugħ tal-Greċja fis-Semestru Ewropew wara li ħarġet b'suċċess mill-programm ta' assistenza finanzjarja. Id-dimensjoni soċjali, tal-impjiegi u tal-edukazzjoni kompliet tissaħħaħ, li huwa pożittiv. Il-kumitati jtennu li f'kuntest ta' tixjiħ, diġitalizzazzjoni u tibdil fil-klima, il-proċess tas-Semestru għandu jżomm approċċ olistiku, li jintegra politiki u riformi fl-oqsma rilevanti kollha, inkluż l-inklużività ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Il-Linji Gwida adottati reċentement dwar l-Impjiegi jipprovdu f'dan il-kuntest bażi politika u legali.

Il-pakkett ta' din is-sena għandu wkoll allinjament aktar b'saħħtu bejn l-investment u r-riformi, u l-fokus relatat aktar b'saħħtu fuq l-investment fis-CSRs. Il-Kumitati jieħdu nota li kull Stat Membru rċieva CSR dwar l-investment u li CSRs oħra jista' jkollhom dimensjonijiet tal-investment, b'mod partikolari l-oqsma tal-impjiegi, tal-politika soċjali u tal-edukazzjoni. Il-Kumitati jinnotaw li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-investment tippermetti allinjament aħjar bejn l-isforzi ta' riforma u d-deċiżjonijiet ta' investment, u b'hekk ikompli jissaħħaħ is-Semestru. Għadd ta' Membri appellaw għal riflessjoni ulterjuri dwar ir-rabta bejn il-ħtiġijiet ta' investment u l-fondi strutturali tal-UE. Xi wħud saħqu ukoll fuq il-ħtieġa għal flessibbiltà suffiċjenti fir-regoli fiskali u l-oqsma ta' politika eliġibbli għall-investimenti ta' finanzjament mill-fondi strutturali tal-UE.

Il-Kumitati jisħqu fuq il-fatt li tul is-snin tjeib il-mod li jaħdmu bih kemm l-EMCO kif ukoll il-KPS fis-Semestru u jenfasizzaw l-aspetti li ġejjin rigward il-proċess innifsu u l-abbozzar tas-CSRs.

Fir-rigward tal-**proċess**, il-Kumitati jinnotaw li d-dewmien tal-preżentazzjoni tas-CSRs għall-2019 kienet kawża ta' tħassib, speċjalment peress li din implikat li l-Kunsill Ewropew ma setax jagħti approvazzjoni politika wara valutazzjoni suffiċjenti tal-pakkett fil-Kumitati tal-Kunsill.

Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kumitati EPSCO u ECOFIN żgurat li l-proċess madankollu mexa bla xkiel, minkejja d-dewmien tal-preżentazzjoni tas-CSR. Il-Kumitati baqgħu jaqdu rwol attiv fit-tnejn tal-adozzjoni tas-CSRs miż-żewġ formazzjonijiet responsabbli tal-Kunsill - EPSCO u ECOFIN. Il-laqgħa konġunta tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE), l-EMCO u l-KPS tibqa' tkun mod effettiv għad-diskussjoni ta' għadd ta' CSRs ta' natura trasversali. L-għoti ta' żmien adegwat għad-diskussjoni jipromwovi s-sjieda, jippermetti fehim multilaterali ġenwin u aktar profond, u fuq terminu twil jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tar-riformi.

Ġiet rikonoxxuta l-kwalità għolja tad-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni matul il-proċess tas-Semestru. Il-konsultazzjoni bilaterali tal-Kummissjoni mal-Istati Membri dwar l-abbozzi tar-rapporti hija apprezzata bħala mezz biex jinbena fehim aħjar tal-valutazzjoni, l-isfidi relatati u l-isforzi ta' politika bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għandha wkoll il-potenzjal li tikkontribwixxi għal sjieda nazzjonali aktar b'saħħitha tas-CSRs, ħaġa li hija ta' importanza kritika għas-suċċess tas-Semestru. Filwaqt li dan jiġi nnotat bħala karatteristika pożittiva tal-proċess, il-Kumitati jtennu li huwa mixtieq involviment saħansitra aktar b'saħħtu u aktar f'waqtu peress li jaqdi rwol ewlieni fit-tisħiħ tas-sjieda u konsegwentement, is-suċċess tar-riformi.

Il-Kumitati jtennu wkoll il-ħtieġa għal mod aktar effettiv biex jiġu trattati l-kummenti tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' fatt qabel il-laqgħat ewlenin tal-Kumitat. Dan, b'mod parallel, bi prijoritizzazzjoni ċara tal-kummenti proprji tal-Istati Membri u l-fokus ta' dawk il-kummenti fuq is-CSRs iservi biex id-diskussjonijiet jiġu konċentrati fuq kwistjonijiet ta' sustanza.

Il-kumitati jilqgħu wkoll iż-żieda ta' Stati Membri li jikkumentaw fuq is-CSRs u l-Premessi ta' Stati Membri oħra, peress li hija riflessjoni tal-interess komuni u r-riperkussjonijiet fl-Unjoni Ewropea. Dawn id-diskussjonijiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ ulterjuri tal-fehim reċiproku tal-isfidi ta' politika komuni u l-approfondiment tal-iskambju ta' prattiki tajba.

Il-proċess ta' interkonnessjoni tal-għodod ta' monitoraġġ tal-Kumitati u l-użu konkret tagħhom fin-negozjati tas-CSR reġġu taw prova li huma effettivi. Is-sejbiet tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali taw prova li huma riżorsa utli biex jirfdu d-diskussjonijiet. Il-kumitati jinnotaw li l-Kummissjoni użat b'mod sinifikanti l-ħidma tas-sorveljanza multilaterali fit-tnejja tas-CSRs u l-bażi ta' evidenza għan-negozjati tas-CSRs. Il-konklużjonijiet tas-sorveljanza, li ntużaw waqt id-diskussjonijiet dwar is-CSRs spiss ipprovdew riżoluzzjoni definittiva għal ċertu punt ta' diskussjoni jew dibattitu. Il-ħidma ta' sorveljanza, li tagħmel domanda konsiderevoli għar-riżorsi fuq kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri, għal darb'oħra tat prova tal-valur tagħha f'dan il-punt fiċ-ċiklu. Fl-istess waqt, għall-futur, issemmiet il-ħtieġa għal riflessjoni dwar kif tizzied aktar l-effiċjenza tal-ħidma preparatorja.

Kien hemm rikonoxximent komuni li l-involvement ġenwin tas-Sħab Soċjali, ir-rappreżentanti tas-Soċjetà Ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqgħu kruċjali għall-implimentazzjoni u l-effettività tar-riformi.

Fir-rigward tal-**abbozzar** tas-CSRs, il-Kumitati jinnotaw li l-kwalità għolja tat-test tal-Kummissjoni u l-evitar ta' kwalifikaturi mhux neċessarji (bħal "kontinwu", "proċediment", "ulterjuri"). Bl-istess mod, il-kumitati żammew ir-regola ġenerali li ma jaċċettawx emendi proposti li mhumiex fattwali u li ma jieħdux kont tal-konklużjonijiet tar-rieżamijiet matul is-Semestru. Il-Kumitati jisħqu fuq il-fatt li s-CSRs għandhom jipprovdew ċarezza suffiċjenti dwar il-kuntest referenzjat, iżda jsostnu li l-premessi ma għandhomx jiffunzjonaw bħala CSRs sostituti. Riflessjoni aktar b'saħħitha, b'mod konsistenti, tal-progress tal-Istati Membri fil-premessi hija mixtieqa wkoll.

B'perspettiva li tħares lejn il-**futur**, il-Kumitati jinnotaw li s-CSRs għandhom jirrikonoxxu aħjar ukoll ir-realtà politika ta' proċess ta' riforma. Ir-riformi jieħdu ż-żmien biex jiġu definiti, diskussi u implimentati. Spiss jiġu implimentati fil-kuntest ta' ċikli multiannwali. Għalhekk, għandha ssir riflessjoni dwar kif tiġi integrata aħjar fis-CSRs perspettiva tal-perijodu medju, filwaqt li jiġu preservati l-momentum tar-riformi u r-rabtiet maċ-ċikli politiċi nazzjonali.

## Taqsimta 2: Fehmiet tas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili

L-involvement tas-sħab soċjali u l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili jibqgħu kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tar-riformi tal-politika. Iż-żewġ Kumitati kellhom skambji ta' fehmiet mal-Kummissjoni, is-sħab soċjali Ewropej u l-NGOs soċjali fil-kuntesti tas-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat u l-pakkett tas-CSR il-ġdid, bħala preludju għad-diskussjoni dwar is-CSRs innifishom.

Kemm is-sħab soċjali Ewropej kif ukoll l-NGOs soċjali laqgħu l-kooperazzjoni msaħħa mal-Kumitati u baqgħu pożittivi dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE, iżda indikaw tħassib dwar l-involvement sinifikanti u f'waqtu tagħhom fil-livell nazzjonali u appellaw għal kooperazzjoni msaħħa fl-istadji kollha tas-Semestru tal-UE. Is-sħab soċjali saħqu fuq l-importanza tal-involvement aktar ġenerali tagħhom inkluż f'suġġetti lil hinn mill-impjeg. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili enfasizzaw il-ħtieġa li r-rwol tagħhom jiġi rikonoxxut aħjar fis-Semestru u li jiġi strutturat id-djalogu ċivili.

Ir-rappreżentanti ta' **min iħaddem**<sup>2</sup> laqgħu b'mod ġenerali l-pakkett bħala bbilanċjat sew. Is-CSRs saru aktar rilevanti għall-isfidi attwali tad-diġitalizzazzjoni, it-tixjij u d-dekarbonizzazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza ekonomika u soċjali, huma għamlu l-argument għal aktar enfasi fuq it-tnaqqis tal-kosti lavorattivi u l-indirizzar tal-porzjon ta' taxxa. Il-ħiliet – u partikolarment il-ħtieġa li jiġi żgurat il-livell it-tajjeb ta' ħiliet diġitali fil-forza tax-xogħol – issemmw bħala tħassib ewlieni. Id-diskrepanzi fil-ħiliet u l-ispariġġi fil-ħiliet għadhom jitqiesu bħala prijorità għolja, speċjalment għall-SMEs, u r-rappreżentanti jilqgħu diskussjonijiet aktar fil-fond dwar is-suġġett mal-EMCO.

L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem saħqu wkoll fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jimmodernizzaw is-sistemi tal-benefiċċji soċjali tagħhom u jagħmlu titjib fl-immirar u l-kosteffettività tal-investment soċjali, bħala parti mill-isforzi aktar ġenerali biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi. F'termini ta' investment, jinħtieġu kemm investment privat kif ukoll dak pubbliku. Bil-ħsieb tat-tnaqqis tal-faqar, l-investment pubbliku jaqdi rwol ewlieni fl-għoti ta' servizzi ta' kwalità tajba. L-Istati Membri ġew inkoraġġuti wkoll biex jikkondividu l-aħjar prattiki u l-esperjenza dwar kif l-aħjar jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa bl-iżvilupp ta' modi favur l-impjeg biex tiġi ffinanzjata l-protezzjoni soċjali.

---

<sup>2</sup> BusinessEurope, SMEunited (assoċjazzjoni tas-snaġja u l-SMEs fl-Ewropa) u ċ-Ċentru Ewropew għal Min Iħaddem (CEEP)

Ir-rappreżentanti tat-**trade unions**<sup>3</sup> enfasizzaw il-fehma tagħhom li t-tkabbir ekonomiku huwa fraġli u ma tejjibx b'mod sinifikanti d-Dimensjoni Soċjali fl-Ewropa. Konsegwentement, l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jiġi rifless b'mod aktar b'saħħtu fis-Semestru Ewropew, sabiex jindirizza l-isfidi relatati mal-faqar, l-esklużjoni soċjali, il-pagi baxxi u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. It-titjib reċenti qed isir wara s-snin ta' kriżi, ikkaratterizzati minn livelli limitati ta' investiment, li għad iridu jiġu rkuprati. Is-Semestru għandu għalhekk ikollu disinn ġdid għall-investment u l-pożizzjoni fiskali. Għandu jkun hemm xi flessibbiltà għall-Istati Membri biex jattivaw l-investment pubbliku biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità. Bil-ħsieb tas-CSRs li jiffokaw fuq finanzjament aktar strett, il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) qed titlob għal aktar flessibbiltà sabiex ikun jista' jiġi implimentat il-Pilastru. Jeżisti spazju fiskali li jippermetti lill-Istati Membri jtejbu s-sitwazzjoni soċjali. In-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-konklużjonijiet mir-rieżami dwar id-djalogu soċjali mwettaq mill-Kumitat tal-Impjiegi flimkien mas-šhab soċjali ssemma wkoll bħala tħassib.

Ir-rappreżentanti tas-**soċjetà ċivili**<sup>4</sup> laqgħu l-kopertura miżjuda tal-kwistjonijiet soċjali, tas-suq tax-xogħol u tal-edukazzjoni, kif ukoll l-integrazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-pakkett tas-CSRs għall-2019. Il-fatt li l-investment u r-riformi jeħtieġ li jmorru id f'id ġie rikonoxxut ukoll. Ir-rappreżentanti enfasizzaw li filwaqt li s-suġġetti tal-impjieg u tal-edukazzjoni huma koperti sew fir-rakkomandazzjonijiet, huwa meħtieġ fokus aktar b'saħħtu fuq kwistjonijiet relatati mal-faqar u l-esklużjoni soċjali (speċjalment fost it-tfal u l-gruppi żvantaġġati), il-fenomenu tal-persuni mingħajr dar, is-servizzi affordabbli u sostenibbli tas-saħħa u tal-kura fit-tul ta' kwalità tajba. Ġie enfasizzat li l-ambjent ekonomiku favorevoli li hemm bħalissa huwa opportunità biex tinkiseb konverġenza soċjali 'l fuq u l-fokus fuq ir-riformi għandu jibqa' b'saħħtu. Jeħtieġ li jsir aktar għal dawk li diġà jinsabu fil-faqar u dwar l-implimentazzjoni ta' riformi b'mod partikolari bil-ħsieb ta' gruppi żvantaġġati. Is-sistema tat-taxxa u l-benefiċċji tista' tappoġġa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u tnaqqas l-inugwaljanza.

---

<sup>3</sup> Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU)

<sup>4</sup> Pjattaforma Soċjali, Eurodiaconia, EAPN (f'April) u Eurochild

### **Taqsimha 3: Messaġġi orizzontali mis-Sorveljanza Multilaterali u r-Rieżamijiet ta' Implimentazzjoni Multilaterali**

Is-sorveljanza multilaterali (MLS) li tikkonsisti minn rieżami bejn il-pari fil-kumitati tas-sitwazzjoni attwali fl-implimentazzjoni tas-CSR hija waħda mill-kompiti ewlenin kemm tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) kif ukoll tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew.

#### **A. Messaġġi mis-Sorveljanza Multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi**

Fil-perjodu minn Ottubru 2018 sa April 2019, l-EMCO wettaq rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali u Eżami tal-Pajjiż, billi eżamina l-komponenti tas-CSR relatati mas-suġġetti ta' politika li ġejjin: i. il-qgħad fit-tul, ii. id-djalogu soċjali, iii. is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u x-xogħol mhux iddikjarat, iv il-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, v. politiki attivi tas-suq tax-xogħol u servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES), vi. edukazzjoni, ħiliet, ETV u taġlim għall-adulti u vii. il-pagi, il-kompetittività u t-tassazzjoni fuq ix-xogħol.

Kif innotat hawn fuq ir-rieżamijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-EMCO huma organizzati b'mod tematiku. Dan jippermetti li jsiru konklużjonijiet orizzontali minn kull sett ta' rieżamijiet, li huma ppreżentati f'din in-nota.

Ir-rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tar-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol** sar f'kuntest ta' sitwazzjoni mtejba tas-suq tax-xogħol, iżda jppersistu d-disparitajiet madwar l-UE.<sup>5</sup> Barra minn hekk, filwaqt li l-Istati Membri kollha ħadu passi biex itejbu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, il-livell ta' implimentazzjoni ivarja. Il-kapaċità ta' Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) hija sfida ġenerali u xi Stati Membri jesperjenzaw ukoll disparitajiet reġjonali sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-PES. F'għadd ta' Stati Membri, l-iżgurar ta' reġistrazzjoni għolja ta' persuni qiegħda fit-tul huwa marbut mill-qrib mal-fatt li l-benefiċċji jsiru b'mod kondizzjonali għar-reġistrazzjoni mal-PES. Xi wħud daħħlu fis-seħħ politiki li għandhom l-għan li jipprevjenu d-dereġistrazzjoni iżda ħafna għad jeħtieġu jtejbu l-isforzi ta' komunikazzjoni lejn l-inattività, u jiżviluppaw inċentivi għar-reġistrazzjoni.

---

<sup>5</sup> Il-messaġġi ewlenin intbagħtu b'mod separat lill-EPSCO, ara d-dokument tal-Kunsill 14409/18

Ir-Rieżami kkonferma li servizzi addizzjonali bħal miżuri soċjali, tas-saħħa, tat-taħriġ u tal-appoġġ huma importanti fit-triq li twassal għall-impjieg. Saru sforzi biex tiżdied il-koordinazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi differenti, iżda l-koordinazzjoni tibqa' sfida ġenerali. Approċċi nazzjonali biex jistabbilixxu l-punt uniku ta' kuntatt ivarjaw mill-integrazzjoni sħiħa tas-servizzi għal aktar indikazzjoni ta' awtorità li għandha taġixxi bħala wieħed. Ftehimiet ta' integrazzjoni tal-impjieg jew l-ekwivalenti tagħhom huma preżenti fil-parti l-kbira tal-Istati Membri iżda jeħtieġ li jsir aktar, partikolarment fir-rigward tar-rieżaminazzjoni b'mod regolari ta' valutazzjonijiet individwali. Ġiet ippreżentata firxa ta' attivitajiet marbuta mal-involvement ta' min iħaddem inkluż il-persunal iddedikat tal-PES u s-sussidji tal-pagi flimkien mat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Madankollu, f'xi Stati Membri għad hemm nuqqas ta' approċċ aktar strateġiku għas-sħubijiet bejn il-partijiet ikkonċernati. B'mod ġenerali, filwaqt li kien hemm titjib sostanzjali fil-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura bl-appoġġ tal-Istati Membri abbażi tal-Qafas tal-Indikatur tal-EMCO, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tittejjeb id-data marbuta mas-sostenibbiltà tal-eżiti għall-persuni qiegħda fit-tul.

Ir-rieżami dwar id-**djalogu soċjali** ħares lejn dimensjonijiet differenti tal-involvement tas-sħab soċjali fir-riformi u l-politiki u s-Semestru Ewropew. Is-sħab soċjali nazzjonali u Ewropej ipparteċipaw fir-rieżami. Filwaqt li qafas legali u istituzzjonali għad-djalogu soċjali jinsab fis-seħħ fil-maġġoranza kbira tal-Istati Membri, ir-rieżami nnota li l-involvement tas-sħab soċjali nazzjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u politiki soċjali u tal-impjieg u s-Semestru Ewropew ivarja fost l-Istati Membri rieżaminati. L-EMCO enfasizza l-importanza ta' involviment sinifikanti u f'waqtu.

L-EMCO nnota wkoll sfidi fir-rigward tar-rappreżentanza tas-sħab soċjali f'xi Stati Membri u enfasizza l-ħtieġa għal appoġġ effettiv biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-sħab soċjali.

Fir-rieżami tas-CSRs dwar is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u x-xogħol mhux iddikjarat, ġie nnotat li n-natura tas-segmentazzjoni u tax-xogħol mhux iddikjarat hija eteroġenja fost l-Istati Membri tal-UE, u l-istatistika waħedha mhux dejjem tagħti l-istampa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali. Is-segmentazzjoni u x-xogħol mhux iddikjarat jistgħu jkunu ta' ħsara għal ħajjet in-nies b'ħafna modi (pereżempju, teżisti rabta bejn il-kunsiderazzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali) kif ukoll għall-ekonomija usa'. L-Istati Membri wettqu għadd ta' riformi f'dawn l-oqsma fi snin reċenti, sabiex jipromwovu l-ingaġġ permanenti u l-impjiegi ta' kwalità, iżda ser ikun meħtieġ iż-żmien biex ir-riformi juru l-effetti sħaħ tagħhom. Fil-fatt, ħafna mir-riformi attwali għandhom l-għan li jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi attwalment esperjenzati bħala riżultat ta' liberalizzazzjonijiet parzjali tas-suq tax-xogħol (jiġifieri li jippermettu użu usa' ta' kuntratti temporanji mingħajr ma tinbidel ir-regolamentazzjoni għal kuntratti permanenti) deċennji qabel, pereżempju billi jitnaqqas id-distakk bejn ir-regolamentazzjoni ta' kuntratti permanenti u dawk temporanji (inkluż id-dimensjoni tat-tassazzjoni u l-kontribuzzjonijiet soċjali).

L-EMCO nnota d-diffikultà li jinbena kunsens fir-rigward tar-riformi eżatti tas-suq tax-xogħol li għandhom jitwettqu fil-klima politika attwali. Dan jissottolinja r-rwol importanti li jista' jkollhom jaqdu s-sħab soċjali, u l-importanza ta' dialogu soċjali effettiv. Bħal fil-każ ta' ħafna kwistjonijiet oħra, it-taħriġ u l-ħiliet li jippermettu lin-nies jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol huma estremament importanti (u għandu jiġi nnotat li wieħed mill-impatti negattivi tas-segmentazzjoni huwa li min iħaddem isibha bi tqila jinvesti fil-ħiliet). Għandha tingħata attenzjoni għall-għoti ta' gwida u pariri dwar l-impjiegi adegwati disponibbli għal persuni li qed ifittxu x-xogħol. Dan għandu l-potenzjal li jtejjeb il-kwalità tal-offerti ta' impjieg u jnaqqas l-ispariġġi fil-ħiliet.

B'mod ġenerali, jibqa' importanti li jiġu kombinati d-deterrenza u l-prevenzjoni (pereżempju, permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u titjib tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet) fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat, u dan jirrikjedi sforzi kollettivi u koordinazzjoni fl-istituzzjonijiet kollha bħal spettorati, istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, PES, u awtoritajiet tat-taxxa. F'ħafna każijiet, jeħtieġ li jinbidlu l-attitudnijiet u l-imġiba kulturali u dan, min-natura tiegħu, jieħu sforz kollettiv fuq perjodu ta' żmien. Barra minn hekk, fehim aktar profund tar-rwol u l-funzjoni ta' forom ġodda ta' xogħol, inkluż xogħol fuq pjattaforma diġitali, huwa meħtieġ minħabba l-iżvilupp u s-sinifikat li qed jikber ta' tali forom ta' impjieg fost l-Istati Membri tal-UE.

Ittieħdu għadd ta' passi biex jissaħħu l-ispettorati tax-xogħol, kemm f'termini tal-għadd globali ta' spetturi, kif ukoll biex jiġi żgurat li qed jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod intelliġenti u ffukat. L-Istati Membri spiss jieħdu approċċi settorjali jew reġjonali biex jindirizzaw l-oqsma l-aktar milquta. Iċ-ċifri jissuġġerixxu li dawn il-miżuri qed jagħtu riżultati tanġibbli.

Ir-rieżami mill-EMCO tal-**parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol** qies żewġ dimensjonijiet differenti: il-parteċipazzjoni ta' individwi *per se* u ż-żieda fis-siġhat tax-xogħol għall-individwi. F'xi każijiet ġiet innotata wkoll dimensjoni reġjonali għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Id-disponibbiltà, il-kwalità u l-affordabbiltà tal-kura tat-tfal u tal-kura tal-anzjani jista' jkollhom rwol ewlieni fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Ħafna Stati Membri qed jagħmlu sforzi biex itejbu l-għoti tal-kura, u l-FSE kien kruċjali f'għadd ta' pajjiżi (għalkemm dan iqajjem mistoqsijiet ta' sostenibbiltà aktar fit-tul). Il-leave u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jistgħu jgħinu wkoll.

Fl-istess ħin, jista' jkun utli li wieħed iħares lejn l-iskemi ta' tassazzjoni, li jistgħu jinfluwenzaw il-parteċipazzjoni tat-tieni sors ta' dħul b'mod partikolari. Bl-istess mod, it-tfassil bir-reqqa tas-sistemi ta' kontribuzzjoni jista' jgħin biex il-persuni jiksbu aċċess u jibqgħu fis-suq tax-xogħol. Hawnhekk hemm sfida partikolari fir-rigward tal-mod kif jista' jiżviluppa x-xogħol fil-futur, u dan għandu jinżamm taħt rieżami. Għadd ta' Stati Membri qed jieħdu passi biex itejbu t-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u ser ikun interessanti li wieħed jara jekk dawn jagħtux frott.

Għal ħaddiema akbar fl-età, l-isforzi biex titjeb il-parteċipazzjoni jfittxu li jillimitaw l-aċċess għall-irtirar kmieni, u jiżguraw aċċess għal taħriġ rilevanti għas-suq tax-xogħol. Approċċ multidimensjonali li jintegra s-servizzi soċjali u tal-impjiegi huwa meħtieġ fir-rigward tal-gruppi żvantaġġati li jiffaċċjaw diversi ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Ir-reklutaġġ anonimu huwa għodda li tista' tgħin biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni stabbilita fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li huwa komuni li wieħed jargumenta li ħafna kwistjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol huma b'xi mod ta' natura "kulturali", l-inizjattivi reċenti ta' suċċess juru li huwa possibbli li jinkisbu riżultati pożittivi, anke jekk dawn jieħdu ż-żmien.

Fir-rieżami tal-**Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMP) u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg (PES)** ġie nnutat li, filwaqt li s-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol qed jitjiebu fl-UE kollha, l-Istati Membri qed jiffaċċjaw dejjem aktar nuqqas ta' ħiliet, u xi gruppi mhux qed jibbenefikaw mit-titjib. L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-ALMP jeħtieġ li jseħħu f'kundest usa' billi jikkomplementaw u jibnu fuq il-miżuri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-politika u s-servizzi soċjali. Il-miżuri ta' taħriġ immirati, u l-modi żviluppati sew biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol huma importanti fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet (is-sħab soċjali jista' jkollhom rwol importanti hawnhekk). Jeħtieġ li jkun hemm mod kif jitkejlu l-kwalità u l-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ u li tingħata informazzjoni ċara dwar dan lill-partijiet interessati kollha.

Ir-rabta bejn l-attivazzjoni u l-benefiċċji hija importanti għall-aċċettazzjoni pubblika tal-politiki, u l-mod li bih il-kriterji tat-tiftix tal-impjieg jiġu definiti jeħtieġ li jiżgura li jintlaħaq l-għan ta' din ir-rabta. Sabiex jiżiedu l-opportunitajiet ta' impjieg u tittejjeb it-tnejn għax-xogħol, l-ALMP jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'konsulenza u gwida adegwati dwar ix-xogħol. B'mod ġenerali, l-ALMP għandhom jiġu soġġetti għal monitoraġġ, evalwazzjoni u rieżami kontinwi sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom. Rigward il-PES, ġew introdotti bosta riformi biex itejbu l-kapaċità tal-PES u s-sensibilizzazzjoni dwarhom, għalkemm għadd minnhom kienu soġġetti għal dewmien sinifikanti. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi ser ikun kruċjali biex jiġi determinat jekk dawn ir-riformi jilħqux l-oġġettivi ddikjarati jew le.

Fir-rieżami tal-**edukazzjoni, il-ħiliet, l-ETV u t-tagħlim tal-adulti**, ħafna mis-CSRs eżaminati kienu jikkonċernaw riforma komprensiva tal-edukazzjoni. Il-ħiliet diġitali ngħataw prominenza, ħafna drabi fi ħdan strateġija governattiva usa'. Sar enfasi wkoll fuq il-ħtieġa li tittejjeb ir-reġistrazzjoni fis-STEM. Meta wieħed jikkunsidra passi biex titjeb l-attrattività tal-professjoni tat-tagħlim, il-paga hija biss parti waħda (għalkemm importanti) tal-istampa. Għandha tingħata attenzjoni lill-mobilità, lit-taħriġ u lit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

Fir-rigward tal-inklużività tas-sistemi edukattivi, l-Istati Membri qed jieħdu approċċi differenti. Xi wħud qed jiffukaw fuq it-tagħlim tal-lingwi, oħrajn fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u oħrajn fuq l-iżgurar tal-kwalità fil-livelli kollha. Minħabba l-isfidi simili li qed jiffaċċjaw għadd ta' Stati Membri, ser ikun importanti li jiġu identifikati liema approċċi jidhru li jagħtu l-aħjar riżultati. It-tluq bikri mill-iskola huwa problema f'għadd ta' pajjiżi. Il-kapaċità u l-effettività ta' sistemi ta' twissija bikrija huma importanti, iżda huwa essenzjali wkoll li jiġu identifikati l-interventi li għandhom isegwu tali twissija. L-aħjar mod biex jiġu involuti l-familji f'dawn l-interventi jista' jkun ukoll kwistjoni diffiċli. L-inklużività tista' tiddependi ħafna wkoll fuq il-ħiliet tal-għalliema u l-kapaċità tagħhom li jaħdmu ma' minoranzi u ma' dawk li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ETV, kien hemm sforzi sinifikanti ta' riforma f'ħafna Stati Membri biex titjeb ir-rilevanza tal-ETV. Il-finanzjament tal-UE ta' spiss ġie użat għal dan, li ovvjament mhuwiex problema *per se*, iżda jqajjem il-kwistjoni tal-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-proġetti). Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar biex l-ETV u l-apprendistati jsiru aktar attraenti, peress li bosta drabi t-talba għalihom hija baxxa. L-opportunitajiet ta' apprendistat fl-SMEs għandhom jiġu estiżi. L-involvement tas-sħab soċjali huwa ta' spiss kruċjali għal riformi tal-ETV ta' suċċess. Qed issir prova minn sensiela ta' approċċi innovattivi biex jittejbu l-għoti u t-talba għall-edukazzjoni għall-adulti, bħal kontinjuet ta' taħriġ individwali. Minbarra l-istrateġiji nazzjonali, il-proġetti lokali ħafna drabi jaqdu rwol importanti fl-indirizzar ta' diskrepanzi ġeografiċi speċifiċi fil-kopertura.

Ir-rieżami tal-**pagi, il-kompetittività u t-tassazzjoni tax-xogħol** innota li ż-żidiet sottostanti fil-pagi qed ikomplu jkunu aktar kajmana milli mistenni b'kont meħud tar-rabta storika bejn iż-żidiet fil-pagi u l-qgħad. Il-fatturi ewlenin għaż-żidiet baxxi fil-pagi jidhru li huma l-inflazzjoni baxxa u t-tkabbir baxx fil-produttività. Iżda jista' jkun li fatturi oħra wkoll kellhom rwol, inkluża l-mobilità fi ħdan l-UE u ż-żieda fix-xogħol part-time. Kwistjoni interessanti li qed titfaċċa f'xi Stati Membri hija l-fenomeni ta' domanda li jiġu inklużi fin-negozjar kollettiv aktar benefiċċji mhux finanzjarji, u b'mod korrispondenti domanda aktar baxxa għal żieda fil-pagi. Dawn l-oqsma kollha jistgħu jibbenefikaw minn analiżi ulterjuri.

Il-miżuri ta' politika li jindirizzaw iż-żidiet baxxi fil-pagi jinkludu l-politiki dwar il-paga minima, qafas ta' negozjar kollettiv aktar b'saħħtu, it-tassazzjoni u l-pagi pubbliċi. Il-miżuri indiretti li jistgħu jinfluwenzaw iż-żidiet fil-pagi jkopru politiki li, fl-ispirtu tal-pilastru soċjali, jestendu d-drittijiet u l-vuċi tal-ħaddiema fin-negozjar kollettiv (eż. l-aċċess għas-sigurtà soċjali, il-portabilità tad-drittijiet, il-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema) jew il-politiki li jnaqqsu d-duwaliżmu fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li r-rwol tal-Istati Membri huwa spiss li dawn jiżguraw biss qafas legali li fih isir in-negozjar kollettiv, jista' jkun interessanti li jiġu kkunsidrati miżuri addizzjonali possibbli li jhegħgu lis-sħab soċjali jżidu l-kapaċità tagħhom, il-kopertura tal-ftehimiet kollettivi jew li jiġu konklużi aktar ftehimiet kollettivi għal dawk is-setturi jew il-ħaddiema li mhumiex attwalment koperti. Il-miżuri tal-Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol (ALMP) ikomplu juru l-potenzjal tagħhom biex jagħmlu s-swieq tax-xogħol aktar adattabbli, biex iżidu l-impjegabbiltà, itejbu l-mobbiltà okkupazzjonali u jespandu l-opportunitajiet ta' impjieg għal persuni li qed ifittxu impjieg u persuni barra mill-forza tax-xogħol. Fejn il-pagi qed jiżiedu, ta' spiss jeħtieġ li titqies il-kwistjoni tal-kapaċità tal-akkwist peress li din tista' tkun għadha qed tonqos (eż. minħabba l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni). Xi Stati Membri qed jikkunsidraw miżuri oħra li għandhom impatt fuq il-pagi, pereżempju permezz ta' miżuri li indirettament iżidu l-produttività u t-tkabbir billi jstimulaw ir-riċerka u l-iżvilupp u billi jinvestu fil-kapital uman (l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja).

## **B. Messaġġi mir-Rieżamijiet tal-Implimentazzjoni Multilaterali tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**

F'Marzu 2019, il-KPS eżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' 38 rakkomandazzjoni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu: i. il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali; ii. il-pensjonijiet; iii. il-kura tas-saħħa; u iv. il-kura fit-tul. Il-kwistjonijiet relatati mal-qasam tal-kura tas-saħħa ġew eżaminati b'mod konġunt ma' rappreżentanti mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli. Ir-rieżamijiet ġew organizzati b'mod tematiku li ippermetta li jiġi mfassla konklużjonijiet orizzontali taħt kull qasam tematiku.

## Riformi fil-qasam tal-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali

L-espansjoni kontinwa tal-ekonomija Ewropea matul dawn l-aħħar snin irriżultat f'kundizzjonijiet imtejba tas-suq tax-xogħol kif ukoll żieda fid-dħul tal-familji. Dan wassal għal tnaqqis fin-numru ta' persuni li jgħixu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi<sup>6</sup>.

Madankollu, minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, l-inklużività tal-irkupru tibqa' ta' tħassib, b'inugwaljanzi kbar persistenti u b'persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli li jaqgħu lura. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali mfaġġa sew, li jinvestu fil-parteċipazzjoni attiva tal-persuni fis-soċjetà u fl-ekonomija u li jiżguraw protezzjoni minn riskji tul il-ħajja kollha, jibqgħu essenzjali biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi.

Bħala parti mir-rieżamijiet tal-implimentazzjoni multilaterali tiegħu tal-2019, l-KPS eżamina mill-ġdid il-progress li sar fir-rigward ta' ħax-il rakkomandazzjoni fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. F'konformità mas-snin preċedenti, il-biċċa l-kbira tas-CSRs f'dak il-qasam tematiku jkomplu jagħmlu enfasi qawwija fuq l-inklużjoni attiva, b'mod partikolari fuq it-titjib tal-kopertura u l-adeqwatezza tal-benefiċċji soċjali u fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali u l-frammentazzjoni tal-iskemi ta' appoġġ għall-introjtu. Rakkomandazzjonijiet ulterjuri li nħarġu lill-Istati Membri appellaw biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-protezzjoni soċjali għall-persuni li jaħdmu b'kuntratti mhux standard; biex jitjieb it-tfassil tas-sistemi ta' benefiċċji tat-taxxa u l-kompożizzjoni tal-infiq soċjali; kif ukoll għall-għoti ta' servizzi ta' kwalità għolja (il-kura tat-tfal u l-akkomodazzjoni).

Ir-rieżamijiet multilaterali tal-KPS urew li l-Istati Membri qed ikomplu jagħmlu sforzi biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati, iżda l-implimentazzjoni tar-riforma tidher li naqset. B'mod partikolari, il-Kumitat ivvaluta li matul l-aħħar sena l-progress kien limitat għal kważi żewġ terzi tal-Istati Membri rieżaminati. B'paragun, il-konklużjonijiet mis-sena ta' qabel urew progress limitat għal madwar terz tas-CSRs rieżaminati, u l-bqija juru xi progress jew progress sostanzjali. Għal xi Stati Membri, l-implimentazzjoni tar-riforma ddewmet minħabba l-ħtieġa li jintlaħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju u li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

---

<sup>6</sup> 22.4 % tal-popolazzjoni tal-UE fl-2017

Fid-dawl ta' din il-prestazzjoni u l-inċertezzi dwar il-prospetti ekonomiċi futuri, l-KPS jenfasizza li hemm hteġa urġenti li l-Istati Membri jġeddu u jħaffu l-isforzi tagħhom ta' riforma. L-inklużjoni, l-investment u l-protezzjoni soċjali, f'konformità mal-prinċipji rilevanti stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ispirati mill-approċċ tal-Inklużjoni Attiva, għandhom jibqgħu l-oġjettivi ta' gwida għar-riformi tal-Istati Membri.

### **Ir-riformi fil-qasam tal-pensjonijiet**

Il-pensjonijiet, minħabba l-piż baġitarju u l-importanza soċjali għolja tagħhom, kienu wieħed mill-aktar elementi importanti tal-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri sa mill-bidu nett tas-Semestru Ewropew. Matul l-aħħar għaxar snin, ir-riformi tal-pensjonijiet iffokaw fuq l-adattament tas-sistemi tal-pensjonijiet għall-bidliet fid-demografija u l-iżgurar tas-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tal-pensjonijiet. Aktar reċentement, il-kwistjonijiet tal-adegwatezza bdew isiru aktar prominenti, iżda l-enfasi fuq ir-riformi tal-pensjonijiet relatati mas-sostenibbiltà baqgħet b'saħħitha fis-CSRs tal-2018.

Il-KPS eżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' tlettax-il rakkomandazzjoni fil-qasam tal-pensjonijiet, li ħafna minnhom koprew diversi aspetti tas-sistemi tal-pensjoni. Disa' rakkomandazzjonijiet enfasizzaw is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet; u ħamsa l-adegwatezza jew l-ekwità tagħhom. Tliet Stati Membri ġew imħeġġa jgħaqqdu r-regoli għal gruppi differenti tal-popolazzjoni; rakkomandazzjonijiet ulterjuri enfasizzaw il-ħajja itwal tax-xogħol jew l-għoti ta' pensjonijiet supplimentari.

Ir-rieżamijiet multilaterali tal-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2018 urew li għadd ta' pajjiżi diġà introduċew u qed ikomplu jimplimentaw miżuri biex jindirizzaw l-isfidi ta' sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjoni tagħhom. Dawn il-miżuri jinkludu etajiet akbar tal-pensjoni, kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà aktar stretti u limiti għal opportunitajiet ta' rtirar bikri. Xi Stati Membri ħadu passi biex jirrevedu l-mekkaniżmi ta' kalkolu tal-pensjonijiet jew biex jestendu l-inċentiv biex l-irtirar jiġi pospost. Pajjiżi oħra rrapportaw dwar miżuri li jtejbu l-adegwatezza tal-pensjonijiet, li jinkludu żidiet fil-pensjonijiet minimi, pagamenti straordinarji għall-pensjonijiet l-aktar baxxi, kif ukoll indiejjar. Xi Stati Membri bdew riformi importanti fil-pensjonijiet, li huma mistennija li jrendu riżultati fis-snin li ġejjin.

Il-valutazzjoni tal-KPS uriet li madwar nofs l-Istati Membri rieżaminati kisbu xi progress jew progress sostanzjali, filwaqt li fil-valutazzjoni tas-sena l-oħra, dan kien il-każ għal terz tal-Istati Membri biss. Madankollu, din is-sena, żewġ Stati Membri ma rreġistraw l-ebda progress fl-indirizzar tar-rekwiżiti tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-KPS huwa tal-opinjoni li sabiex jiġu indirizzati l-pressjonijiet demografiċi li qed jiżdiedu fis-soċjetajiet li qed jixjieħu tagħna, huma meħtieġa aktar sforzi f'xi Stati Membri, filwaqt li dawk l-Istati Membri li diġà adottaw riformi jeħtieġ li jimplimentawhom b'mod rigoruż u jevitaw ir-rigress. It-tħassib dwar l-adeqwatezza għandu jidher b'aktar prominenza fl-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri. Hekk kif l-istennija tal-għomor titjeb, ser ikun hemm bżonn ta' ħajja tax-xogħol itwal biex l-irġiel u n-nisa jkunu jistgħu jiksbu pensjonijiet adegwati. Miżuri li jwasslu għal attività professjonali itwal, irtirar aktar tard mis-suq tax-xogħol, kif ukoll kondizzjonijiet ugwali għall-akkumulu tad-drittijiet tal-pensjoni għandhom jidhru fl-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri.

### **Ir-riformi fil-qasam tal-Kura tas-Saħħa**

Sistemi universali u sostenibbli tal-kura tas-saħħa b'aċċess garantit għal kura tas-saħħa f'waqtha, ta' kwalità għolja u affordabbli huma element ewlieni tal-Mudell Soċjali Ewropew. U filwaqt li s-sistemi tas-saħħa jvarjaw madwar l-UE, ħafna mill-isfidi huma kondiviżi. It-tixjijiet tal-popolazzjoni, iż-żieda fl-ispejjeż ta' teknoloġiji u mediċini innovattivi, in-nuqqas jew id-distribuzzjoni inugwali tal-professjonisti tas-saħħa huma fost il-fatturi li jittgħu pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri.

Fis-Semestru tal-2018, tmax-il Stat Membru rċevew CSRs fil-qasam tal-Kura tas-Saħħa. B'kollox, seba' Stati Membri rċevew rakkomandazzjonijiet biex itejbu s-sostenibbiltà fiskali u l-kosteffettività tas-sistemi tagħhom. Tnejn minn dawk l-Istati Membri kellhom ukoll sfidi ta' aċċessibbiltà bħall-bqija tal-pajjiżi rieżaminati.

Ir-rieżamijiet multilaterali, li saru flimkien ma' rappreżentanti mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli (WPPHSL), urew li l-Istati Membri rieżaminati kollha qed jirrifirmaw is-sistemi tas-saħħa tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi identifikati, anki jekk fi grad differenti ta' intensità. L-isforzi ta' riforma jvarjaw minn pakketti komprensivi ta' riforma (li jeħtieġu approċċi fit-tul għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni u jistgħu għalhekk ikunu soġġetti għal dewmien) għal miżuri għal żmien qasir (li, madankollu, mhux dejjem jindirizzaw il-problemi ewlenin). Ir-riformi jinkludu passi biex isaħħu t-twassil tal-kura primarja u integrata u jċaqilqu xi servizzi lil hinn mis-settur inpatient tal-isptarijiet; perkorsi ta' assistenza mtejba u integrati għal pazjenti b'mard kroniku, programmi mtejba ta' skrinjar u prevenzjoni, inċentivi għall-pazjenti, għat-tobba u l-ispiżjara biex jillimitaw l-infiq farmaċewtiku, miżuri li jtejbu l-aċċess għal dawk l-aktar vulnerabbli eż. għal ċerti mediċini u trattamenti; sforzi biex jiġu promossi stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa (inkluż fost il-popolazzjoni aktar żagħżuġha), kif ukoll miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' persunal, il-pagi baxxi u d-distribuzzjoni territorjali inugwali tal-persunal tal-kura tas-saħħa f'xi Stati Membri.

Minkejja l-isforzi tal-Istati Membri, minn Ġunju 2018 'il hawn, ir-ritmu fil-progress fir-riforma tas-sistemi tal-kura tas-saħħa jidher li naqas. Il-valutazzjoni tal-KPS din is-sena indikat li madwar nofs il-pajjiżi rieżaminati kisbu xi progress jew progress sostanzjali fl-indirizzar tal-isfidi identifikati, filwaqt li l-progress baqa' wieħed limitat fin-nofs l-ieħor. B'kuntrast ma' dan, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri rieżaminati s-sena l-oħra kisbu xi progress jew progress sostanzjali. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li r-riformi mibdija jitkomplew, jitħaffu u jiġu approfonditi, b'mod partikolari fit-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa. Huma meħtieġa miżuri preventivi adegwati biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà mingħajr ma jiġu kompromessi l-kwalità u l-aċċess għas-servizzi. Jinħtieġu wkoll aktar sforzi għall-integrazzjoni ta' servizzi tal-kura tas-saħħa differenti u koordinazzjoni aħjar bejn is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali.

### **Riformi fil-qasam tal-Kura fit-tul**

Fl-2018, tliet Stati Membri rċevew CSRs dwar kwistjonijiet ta' kura fit-tul, b'enfasi ġenerali fuq it-titjib tal-kosteffettività, iżda wkoll fuq l-indirizzar tal-frammentazzjoni u l-governanza tas-servizzi. Il-miżuri rrapportati jinkludu t-testjar ta' soluzzjonijiet ġodda għat-twassil integrat ta' kura fit-tul fl-ambjent domestiku, għas-simplifikazzjoni tal-kura għal persuni b'mard kroniku, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi unifikati biex jiġu aċċessati l-ħtiġijiet tal-kura tal-pazjenti.

It-tħassib dwar l-għoti ta' servizzi formali ta' kura fit-tul biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet li qed jikbru b'kont meħud tal-popolazzjoni li qed tixjiegħ fl-Ewropa kollha għadu wieħed validu. Fid-dawl tal-pressjoni fuq is-sostenibbiltà u l-funzjonament tas-sistemi tal-kura fit-tul, il-KPS jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' approċċ ta' politika dejjem aktar proattiv, li jfittex li, fl-istess ħin, isaħħaħ il-prevenzjoni u jrawwem l-għoti ta' kura effiċjenti u kosteffikaċi, mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità, tagħha, l-aċċessibbiltà u l-kondizzjonijiet għal ħajja indipendenti.

---